**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2002

**Numru 17**

**Avviz numru 698/01JR**

**Joseph Celeste ghan-nom u fl-interess tad-ditta "Celeste Video Rentals"**

**vs**

**Henry Farrugia u b'digriet tal-20 ta' Dicembru, 2001, isem il-konvenut gie mibdul u minfloku tnizzel Helmuth u Josette konjugi Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 t'Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sittax-il lira Maltija (Lm916.00), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti lilu mibjugha u kkonsenjati, fosthom

**"illumination lights", "stroblights", zewg televisions, DVD player, CD player, mixer u zewg stands;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Frar, 2001, u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Frar, 2001 data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta' Josette Farrugia prezentata fis-17 ta' Jannar, 2002, li fiha ntqal:**

- **i. Illi fl-ewwel lok t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
- **ii. Illi bla ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta Josette Farrugia qatt ma xtrat xejn minghand l-attur u qatt ma kienet perit fit-transazzjonijiet eventwali li seta' kien hemm bejn l-attur u zewgha, b'hekk jirrendi kwalsiasi kuntratt ta' bejgh null a tenur ta' l-Artikolu 1326 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
- **iii. Illi fi kwalunkwe kaz l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konvenuti konjugi Farrugia giet xjolta permezz ta' kuntratt Dok.A datat 27 ta' Jannar, 2000, in Atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha u Helmut Farrugia assuma d-debiti;**
- **iv. Illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni hija ntempestiva stante li hija qatt ma giet interpellata ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali jew mod**

**iehor u ghalhekk ma ghandhiex tkun kostretta thallas l-ispejjez tal-kawza;**

**v. Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Ra li l-konvenut Helmuth Farrugia baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Henry Antoncich ghall-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dwar li l-azzjoni hija preskritta ebda parti ma gabet provi sufficenti fir-rigward, u ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata.**
2. **Dwar it-tieni eccezzjoni, it-Tribunal jirrileva li dana kien xiri ordinarju, u ma kienx hemm in-necessita` li l-konvenuta tkun parti fit-transazzjonjiet li sehhu bejn l-attur u l-konvenut. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda. Pero` qed jigi rilevat li kwalunkwe transazzjoni li sehhet kienet bejn il-konvenut u l-attur.**
3. **Il-konvenuta eccepiet li kwalsiasi debiti kellu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut u mhux hu, u dana in vista ta' kuntratt li bih giet terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom. Jirrizulta mill-**

kuntratt esebit Dok.A, datat 27 ta' Jannar, 2000, fl-Atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha. Ghalhekk fic-cirkostanzi il-konvenuta m'ghandiex taghmel tajjeb ghall-dawk l-oggetti li xtara l-konvenut, jew debiti minnu assunti.

4. Jirrizulta li l-konvenut ghad ghandu jhallas lill-attur l-ammont pretiz fl-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata biss fil-konfront tal-konvenut, it-Tribunal filwaqt li jillibera lill-konvenuta Josette Farrugia mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u sittax-il lira Maltija (Lm916.00), bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Frar, 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Frar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut, filwaqt li l-ispejjez tal-konvenut ghandhom jigu sopportati mill-attur.

Avv Joseph Refalo
GUDIKATUR